**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 543/2015**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Mark Zahra**

Illum 27 ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Mark Zahra**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 449371(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar id-19 ta' Lulju 2008 f'xi ħin bejn il-5.15pm u s-s-6.15pm minn ġewwa l-fond numru 49, Casa Bianca, Triq il-Koppla, Fgura:

1. ikkommetta serq ta' ġojjellerija, kif ukoll flus kontanti, u/jew xi oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37), u bil-lok u li sar għad-detriment

ta' Rosa Magri u ta' Giovanni Maria Magri u/jew xi persuna/i oħra;

2. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix il-mija u sittax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) u li saret għad-dannu tal-konjuġi Magri u/jew xi persuna/i oħra;

3. ikkommetta dawn ir-reati, li għalihom hemm kontemplat piena ta' priġunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża *ai termini* ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta datata l-1 ta' Frar 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

4. irrenda ruħu reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li huwa diġa' ġie misjub ħati permezz ta' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Diċembru 2015, fejn il-Qorti, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem* u l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevati mill-imputat, wara li rat Artikoli 49, 28B, 261(b)(c)(e), 263, 264, 267, 269, 289 u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu tnejn u għoxrin (22) xahar priġunerija. B'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti kkundannatu jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' elf, sitt mija u tlettax il-Euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€1,613.31) rappreżentanti spejjeż inkorsi mal-ħatra ta' esperti.

Rat ir-Rikors tal-appellant Mark Zahra ppreżentat fil-15 ta' Diċembru 2015 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tannulla u tirrevoka s-sentenza ta' l-4 ta' Diċembru 2015 mogħtija fil-konfront*

*tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u tilliberah mill-akkużi kollha kif dedotti fil-konfront tiegħu."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi, fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2017 (*a fol.* 268) miżmuma quddiem din il-Qorti diversament preseduta, id-difiża ddikjarat li ma kinitx qed titlob riferenza kostituzzjonali dwar in-nuqqas ta' smigħ xieraq u dana b'riżerva ta' kull dritt spettanti lilha għal rimedju kostituzzjonali.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi fid-19 ta' Lulju 2008 ċerta Rosa Magri kienet infurmat lill-Pulizija li kienet għadha kif sabet il-bieb tar-residenza tagħha sgassat u nnutat minn barra xi taqlib fl-armarji tal-kuritur. Min daħal fil-post kien sgassa l-bieb prinċipali permezz ta' lieva u kien qalleb l-armarji tas-salott, tal-kuritur, tal-kċina u tal-gwardarobba tal-kamra tas-sodda. Kienu naqsu flus kontanti mill-armarju fil-kuritur, mill-kċina u mill-kartiera tar-raġel ta' Rosa Magri. Is-serq sar bejn il-5.15pm u s-6.15pm. PS 1147 Antoine Fenech kien eleva xi impronti diġitali, impronta minnhom instabet fuq *jewel box* li kienet fit-taqlib tal-*main bedroom*. L-Avukat Ġenerali kien talab lill-

Maġistrat Inkwirenti sabiex tinnomina espert sabiex jieħu l-impronti diġitali minn fuq l-appellant u sussegwentement issir analiżi komparattiva mal-impronti diġitali elevati minn PS 1147 Antoine Fenech fejn ġie nominat bħala espert Ivan Portelli li kkonkluda li d-dokumenti 08 BP1 302 u 08 BP1 303 kienu neqsin minn punti karatteristiċi u għalhekk ma seta' jasal għall-ebda konklużjoni waqt li d-dokument 08 BP1 301 ma ġiex identifikat mad-dokument MZ2.

Illi kienu nħarġu imputazzjonijiet kontra l-appellant quddiem il-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi liema każ ġie rtirat mill-Prosekuzzjoni wara li nżammet seduta fil-5 ta' April 2013 minħabba r-rapport redatt mill-espert Ivan Portelli. Għandu jingħad li t-Taqsima Forensika tal-Pulizija kellha apparat appożitu li minnu rriżulta li kien hemm karatteristiċi biżżejjed sabiex isir l-eżami komparattiv. Dan kien ikkonfermat bil-ġurament mill-Uffiċjal Prosekutur l-iSpettur Joseph Mercieca (*a fol.* 102) quddiem mill-Maġistrat Inkwirenti u minn SM 1374 Edgar Dalli (*a fol.* 104 *et seq.*). Dan tal-aħħar kien sab erbgħa u għoxrin (24) punt li qablu bejn l-impronti diġitali elevati mix-xena tad-delitt u deskritti bħala 08 BPI 302 meta mqabbla mal-impronti diġitali tal-appellant li kienu storjati. Huwa rrifera għat-*thumb* tax-xellug tal-appellant u l-kampjun elevat mix-xena tad-delitt. Huwa kkonferma li hemm *match* bejn is-sebgħa l-kbir tal-id ix-xellugija tal-appellant u s-*sample* 08 BPI 302 meħud mix-xena tad-delitt. PS 1238 Clive Brimmer ikkonferma li kien hemm *match* bejn iż-żewġ kampjuni. Il-Maġistrat Inkwirenti mbagħad ħatret tliet esperti oħra: Joseph Mallia, Joseph Bongailas u Natalie Zahra sabiex jieħdu l-impronti diġitali tal-appellant u jagħmlu eżami komparattiv tal-impronti diġitali elevati mix-xena tad-delitt mal-impronti diġitali elevati minnhom. Fir-rapport tagħhom (Dok. "JM 3" – *a fol.* 124 *et seq.*) it-tliet esperti kkonkludew li l-impronta dokument 08 BPI 302 ġiet ikkomparata pożittivament u għalhekk hija identika mal-marka tas-saba' l-kbir tal-id ix-xellugija tal-appellant. In segwitu ta' hekk il-Maġistrat Inkwirenti ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jieħu passi kriminali fil-konfront tal-appellant f'dan ir-rigward.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati. Jissottometti li d-derubati ma rawx is-serqa u lanqas raw il-ħsara ssir fil-proprjeta' u li ma kellhom suspett f'ħadd. Jgħid ukoll li l-ġirien ma raw xejn, li l-analiżi tas-CCTV tal-ispiżerija fl-istess triq irriżultat fin-negattiv waqt li hu nnega li kkommetta xi serqa mir-residenza tad-derubati. Jagħmel riferenza għal diversi sentenzi dwar l-impronti diġitali u dwar il-provi ċirkostanzjali bħala provi u li dawn għandhom ikunu univoċi u jwasslu għall-konklużjoni waħda. Jgħid li l-provi li hemm fl-atti proċesswali m'humiex suffiċjenti għal sejbien ta' ħtija. Jissottometti li fl-atti m'hemm ebda prova li turi li hu kien preżenti fuq ix-xena tar-reat għajr għal impronti diġitali li jistgħu jindikaw diversi ipotesijiet u mhux ċertezzi u li ma jistgħu qatt ikunu prova univoka u ma jistgħu qatt iwasslu għal konklużjoni waħda. Jgħid li f'dan il-każ lanqas biss kien hemm qbil bejn l-esperti dwar l-impronta diġitali parzjali elevata mix-xena tad-delitt u jisħaq li l-espert maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti kkonkluda li l-impronta diġitali ma taqbilx ma' l-impronti diġitali elevati minn fuqu.

Illi fir-rigward ta' dan l-ewwel aggravju, din il-Qorti tinnota li hija ma tiddisturbax l-evalwazzjoni tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk minn dawn l-istess provi l-Ewwel Qorti setgħet tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-

Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi din il-Qorti tinnota li l-fatt li ħadd ma jkun ra s-serqa ssir ma jfissirx li ma jistax ikun hemm provi tajbin u aċċettabbli mil-liġi li jistgħu jservu ta' prova. F'dan il-każ nstabu l-impronti diġitali n-naħa ta' ġewwa tad-dar u mhux fejn l-appellant kien daħal tletin sena qabel kif qal hu u nstabu fuq il-kaxxa tad-deheb li kien misruq. Dwar l-evidenza ċirkostanzjali fis-sentenza mogħtija fit-8 ta' Mejju 2014 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Cyrus Engerer** (Numru 275/2013) din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Fil-każ fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (05.07.2002) il-Qorti sostniet is-segwenti:
>
> > *"L-prova indizzjarja trid tkun waħda **assolutament univoka**, li **tipponta biss mingħajr dubju dettat mir-raġuni lejn fatt jew konklużjoni waħda**...biex prova ndizzjarja tiġi ammessa bħala prova valida fis-sens li wieħed jista' raġjonevolment jasal għall-konkluzzjoni tiegħu ta' ħtija in bażi tagħha bla ebda dubju dettat mir-raġuni, **irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwiżit ta' l-univoċita' tagħha, ċioè li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkużat***

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

***huwa ħati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju raġjonevoli fir-rigward għandu jmur favur l-akkużat skont il-liġi."***

Fil-każ fl-ismijiet **Pulizija vs. Paul Grech** deċiza wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April tas-sena elfejn u wieħed (06.04.2001) intqal illi *"l-provi fil-kamp kriminali jistgħu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn* ***ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'moħħ il-ġudikant lil hinn minn kull dubju raġjonevoli mir-reita' ta' l-imputat****."*

Anki fil-każ **Pulizija vs. James Abela** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-ħdax ta' Lulju elfejn u tnejn (11.07.2002) ġie ddikjarat illi *"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b'"res ipsa loquitur" wieħed jifhem biss li* ***l-fatti – inklużi provi indizjarji – "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-ġudikant iħossu moralment konvint li jista' jiġbed ċerti konklużjonijiet minn dawk il-fatti,*** *allura wieħed m'għandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" iżda dwar dak li fid-dottrina Ingliża jissejħu "presumptions of fact"....F'materja ta' inċidenti stradali il-provi indizjarji ħafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistgħu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistgħu ikunu biss soġġettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjaħ "esprit de voiture". Umbagħad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistgħu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li ġara, dawn il-provi indizjarji, jistgħu faċilment u mingħajr bżonn ta' ħafna tiġbid, jagħtu stampa ċara tad-dinamika tal-inċident. S'intendi,* ***bħal kull prova indiretta oħra, iridu jkunu tali li jwasslu għal konklużżjoni univoka u li biha il-ġudikant ikun moralment konvint lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-ħtija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkużat****...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi ċirkostanzjali jirriżultax b'mod li jkun*

*sodisfatt il-konvinċiment morali tal-ġudikant sal-grad rikjest fil-proċess penali tirriżultax ħtija ta' sewqan ħażin."*

Finalment fis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Angel sive Angelo Bajada** datata l-ħmistax ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa ġie ddikjarat illi: *"L-assjem tal-provi kien tali li a bażi tiegħu l-ġurati setgħu raġonevolment u b'konvinċiment morali trankwill għall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-appellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment għall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoċi."*

Illi jekk induru fuq ġuristi Ingliżi senjatament Pollock C.B[2] l-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova ċirkostanzjali u t-tifsira tal-univoċita' tagħha ngħatat is-segwenti deskrizzjoni:

> *"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of.""*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Noel Frendo** (Numru 173/2003) deċiża fit-30 ta' Diċembru 2004, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

[2] "Criminal Evidence (3rd. Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice)."

> "L-impronti diġitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – *"circumstantial evidence""* - li kif qal Lord Salmon fil-każ ***DPP v. Kilbourne*** [1973] AC 729, p. 758 *"…works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities"*. Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku – il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvinċix lill-Ġudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkużata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw għall-anqas għal tentattiv ta' dak ir-reat".

Fis-sentenza appena ċitata, il-Qorti qalet hekk ukoll:

> "Waħedhom dawn l-impronti kienu tali li setgħu, legalment u raġjonevolment, inisslu fil-Ġudikant il-konvinċiment morali li kienet il-persuna li lilha kienu jappartjenu l-istess impronti li kienet hekk spustathom, u dan evidentement bil-ħsieb li jinġarru flimkien ma' l-oġġetti l-oħra li kienu effettivament inġarru. Fin-nuqqas ta' xi spjegazzjoni, imqar fuq bażi ta' probabbilita', ta' kif dawk l-impronti tal-appellant Frendo spiċċaw fuq l-oġġetti misjuba fil-kaxxa, l-ewwel Qorti ftit li xejn kellha triq oħra għajr li ssib lill-appellant ħati skond l-ewwel imputazzjoni."

Illi riferenza għandha ssir ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Bugeja** (Numru 309/2011) mogħtija fit-22 ta' Novembru 2012 fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "19. F'dan il-każ l-impronta li qablet mas-saba' ż-żgħir ta' l-id ix-xellugija ta' l-appellat instabet fuq il-kument tat-tieqa tan-naha tal-lemin ta' l-uffiċċju tal-Mid-Med. Din it-tieqa tinsab fuq in-naħa ta' wara tal-Bank fejn, minn eżami tar-ritratti meħudin u esebiti minn P.C. 516 Alfio

> Borg (*a fol.* 37), jirriżulta li hemm passagg dejjaq – mhux, mela, post fejn hu mistenni li jikkongregaw in-nies. L-impronta nstabet proprju fuq il-kument tat-tieqa tal-lemin, dik it-tieqa (*sliding*) li tkissritilha l-ħġieġa biex setgħet tinfetaħ u tiġi mbuttata lejn ix-xellug sabiex b'hekk il-ħalliel jew ħallelin setgħu jaqtgħu l-ħadid li kien hemm fuq in-naħa ta' ġewwa.
>
> 20. [...] Dak li hu pależi hu li l-appellat ma ta l-ebda spjegazzjoni raġjonevoli ta' kif impronta ta' idu l-leminija tħalliet proprju fuq it-tieqa sgassata ta' l-uffiċċju tal-Mid-Med Bank fl-Universita' Tal-Qroqq."

Illi minn dan kollu jsegwi li f'ħafna każi l-evidenza ċirkostanzjali tkun kruċjali, per eżempju, minn *tyre marks* fl-art f'inċident stradali sa *fingerprint* fuq tazza tax-xorb. F'dan il-każ l-appellant jissottometti li l-esperti ma qablux bejniethom. Filwaqt li din il-Qorti tinnota li huwa minnu li l-ewwel espert ma setax joħroġ il-*matching*, iżda mbagħad sar analiżi ġdid fejn dan il-*matching* instab u wara dan il-Maġistrat Inkwirenti ħatret tliet esperti u dawn qablu li kien hemm qbil bejn dak li ttella' bil-*lifter* u wieħed mis-swaba tal-appellant. B'hekk ma kien fadal ebda dubju raġonevoli ta' min kien il-*fingerprint*.

Illi f'dan il-każ l-appellant qal li kien mar id-dar derubata biex jiddewwa u dan kien xi tletin sena qabel. Għandu jingħad li biex jiddewwa huwa daħal sal-*garage* u mhux daħal sa ġewwa fejn kellha aċċess għal ċerta oġġetti li kienu misruqa s-sinjura derubata biss. Huwa tassew li din hija l-prova unika dwar l-ewwel (1) imputazzjoni imma fiċ-ċirkostanzi tal-każ hija għal kollox univoka u torbot lill-appellant mas-serqa mingħajr ebda dubju. In fatti l-Ewwel Qorti qalet sew meta fis-sentenza appellata saħqet hekk:

> "[..I]l-fatt li l-imputat seta' kellu raġuni leġittima biex jidħol fir-residenza (pero' mhux fil-kamra tas-sodda) tal-konjuġi Magri f'okkażjoni waħda biss tletin sena qabel ma seħħet is-serqa in eżami, jirrendu din il-prova

> univoka u li tasal għal konlużjoni waħda biss, u ċioè li kien l-imputat li wettaq is-serqa."

Illi fil-fehma tal-Qorti dan huwa raġunament legalment korrett. Għandu jingħad li, fid-dawl ta' dak li ngħad hawn fuq, il-prova tal-*fingerprint* hija prova fuq liema l-Ewwel Qorti setgħet tistrieħ sabiex issib ħtija fl-appellant. Għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa li l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem*. Huwa jagħmel riferenza għal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Ġunju 2014 fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Fenech** li kkwotat b'approvazjoni dak li kienet qalet il-Qorti fil-kawża **Sua Maesta' il Re vs. Agatha Mifsud et** tal-15 ta' Ġunju 1918. Wara dan l-appellant jagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. George Azzopardi** mogħtija fit-23 ta' Jannar 2014 fejn qalet li ħadd ma għandu jiġi pproċessat darbtejn. Barra dan jagħmel riferenza wkoll għal sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) li qalet li l-prinċipju jgħodd ukoll fejn persuna tkun tressqet fuq proċeduri li jintemmu bla sejbien ta' ħtija. Ma' dan l-appellant jikkwota Artikolu 4 tal-Protokoll Numru 7 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u jirreferi għas-sentenza **Nikitin v. Russia** (Numru 50178/99) fejn il-Qorti Ewropea identifikat tliet garanziji fil-prinċipju ta' *ne bis in idem*: *"(a) the right not to be liable to be tried twice; (b) the right not to be tried twice and (c) the right not to be punished twice"*. L-appellant imbagħad jikkwota Artikolu 50 taċ-Charter of Fundamental Rights of the European Union u jirreferi għal Artikolu 434 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jissottometti li l-provi kienu ilhom għand il-Pulizija mill-mument li ġiet irrapurtata s-serqa u ġialadarba l-Prosekuzzjoni kienet irtirat l-imputazzjonijiet kriminali fil-konfront tiegħu meta kellha l-provi kollha f'idejha hija ma setgħetx terġa' tressqu b'imputazzjonijiet identiċi.

Illi fir-rigward tal-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li huwa minnu li l-Prosekuzzjoni kienet irtirat l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant meta huwa kien tressaq quddiem il-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi. Pero' huwa minnu wkoll li Artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "<u>Wara sentenza</u> li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra." [emfażi miżjuda]

Illi l-kliem f'dan l-artikolu huwa ċar. Filwaqt li dan l-artikolu kkwotat juża' l-kliem *"wara sentenza"'*, għandu jiġi nnutat li quddiem il-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi ma ngħatat ebda sentenza**.** L-imputazzjonijiet kienu ġew irtirati u fil-fatt l-appellant ma ppreżenta ebda sentenza li ngħatat!

Illi l-appellant irrifera wkoll għal Artikolu 50 taċ-Charter of Fundamental Rights of the European Union. Għandu jingħad li dan jirrepeti ħafna mill-istess kliem li hemm f'Artikolu 4 tal-Protokoll Numru 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ħlief li l-effett tifirxu fl-Unjoni Ewropea u mhux f'ġurisdizzjoni waħda. Mill-bqija dan isegwi l-istess każistika tal-Konvenzjoni Ewropea. Imma Artikolu 51 taċ-Charter imsemmi jgħid li d-dispożizzjonijiet tiegħu huma indirizzati għall-istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni *"only when they are implementing Union Law."* Dan ħareġ ċar mill-każ fl-ismijiet **Åklagaren vs. Hans Åkerberg Fransson** (Numru C-617/10). B'hekk isegwi li l-Artikolu msemmi mhux applikabbli għal dan il-każ peress li f'dan il-każ ma kinitx ingħatat sentenza iżda l-imputazzjonijiet kienu ġew rtirati u dan apparti l-fatt li l-każ ma' kellu x'jaqsam xejn ma' xi liġi Ewropea.

Illi l-appellant jirreferi wkoll għal Artikolu 4 tal-Protokoll Numru 7 tal-Konvenzjoni Ewropea. Din il-Qorti tagħmel emfażi fuq l-importanza li tkun ingħatat sentenza aħħarija – element li mhux preżenti f'dan il-każ. Apparti dan għandu jingħad ukoll li l-Qrati tagħna kkunsidraw il-prinċipju ta' *ne bis in idem* diversi drabi: sabu ksur, fost l-oħrajn, meta persuna kienet l-ewwel weħlet multa

qawwija taħt it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u wara kienet ser tgħaddi proċeduri kriminali jew meta persuna kienet liberata minn imputazzjoni minħabba żball fl-indikazzjoni tal-ħin fiċ-ċitazzjoni u wara l-Pulizija riedet tibda proċeduri kontra l-istess persuna bil-ħin mibdul.

Illi sabiex l-argument tal-appellant fir-rigward ta' *ne bis in idem* seta' jsib applikazzjoni fir-rigward ta' dan il-każ kien meħtieġ li jkun hemm diġa' **proċeduri u sentenza**. Fil-każ li kellu quddiem il-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi l-proċeduri ġew itirati u lanqas kien hemm sentenza. L-appellant ma sofriex żewġ proċessi kif qed jallega fl-appell tiegħu. Persuna ma tistax tallega li sofriet żewġ proċessi meta proċess ġie irtirat mal-ewwel u qatt ma wasal għall-final. L-appellant lanqas ma kien punit darbtejn jew darba kien liberat u mbagħad kien ikkundannat. In fatti, dan il-każ ma għandux lanqas is-sembjanza ma' xi każ li kien eżaminat mill-Qrati Maltin jew barranin dwar il-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

Illi fl-aħħar tat-tieni aggravju l-appellant jirreferi għall-proviso ta' Artikolu 434 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għandu jingħad li f'dawn iċ-ċirkostanzi ma japplikax Artikolu 434 għax dan japplika f'każ li jkunu ntbagħtu lura l-atti tal-kumpilazzjoni u l-persuna tkun illiberata mill-Qorti tal-Maġistrati. F'dan il-każ l-appellant ma kienx liberat mill-Ewwel Qorti għax il-proċeduri ġew irtirati. In fatti l-istess proviso juża l-kliem: *"fiż-żmien tal-liberazzjoni"* liema kliem iridu jinqraw fid-dawl ta' dak li jgħid Artikolu 433 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant il-proviso msemmi mill-appellant ma għandu ebda applikazzjoni fir-rigward ta' dan il-każ.

B'hekk it-tieni aggravju tal-appellant qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tielet aggravju</u> tal-appellant huwa dwar li l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' Artikolu 688(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li huwa tressaq quddiem il-Qorti fit-2 ta' Ġunju 2014 u jirreferi għal Artikoli 278(1) u 278(3)

tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jissottometti li l-piena kellha tkun mhux anqas minn ħames xhur u mhux aktar minn erba' snin priġunerija. Jisħaq li l-Ewwel Qorti qalet li l-preskrizzjoni hija ta' għaxar snin u jargumenta li Artikolu 688(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta msemmi mill-Ewwel Qorti li skont hi kellu japplika f'dan il-każ, ma japplikax.

Illi fir-rigward tal-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li skont Artikolu 688(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' għaxar snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija ta' anqas minn disa' snin u mhux anqas minn erba' snin

Illi din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata jingħad hekk:

> "Illi permezz tal-proċeduri odjerni l-imputat qed jiġi addebitat bir-reat ta' serq aggravat bil-mezz, valur u lok. Il-piena li għaliha huwa ordinarjament suġġett ir-reat ta' serq aggravat bil-mezz, valur (li jeċċedi €2,329.37) u lok hija ta' priġunerija minn ħames xhur sa erba' snin.[3]
>
> Illi għalhekk l-azzjoni kriminali għar-reat li bih qed jiġi addebitat l-imputat taqa' bi preskrizzjoni ma' l-għeluq tal-għaxar snin skont kif provdut fl-Artikolu 688(ċ) li jirreferi għal dawk ir-reati li jikkomportaw piena ta' **mhux anqas minn erba' snin** u mhux ma' l-għeluq tal-ħames snin kif provdut fl-Artikolu 688(d) li jirreferi għal dawk ir-reati li jikkomportaw piena ta' **anqas minn erba' snin**.
>
> Illi l-fatti li taw lok għall-proċeduri odjerni seħħew fid-19 ta' Lulju 2008; il-proċeduri odjerni ġew ippreżentati fit-2 ta' Ġunju 2014 u għalhekk qabel l-għeluq tal-għaxar snin imsemmija fl-Artikolu 688(ċ) tal-Kapitolu 9."

---

[3] "Dan għaliex skont l-Artikolu 280 għandha tingħata l-piena għal serq aggravat bil-mezz [piena stabbilita fl-Artikolu 278(1)] miżjuda bi grad skont il-proviso ta' l-Artikolu 280(2)".

Illi din il-Qorti ma tara xejn x'tiċċensura fir-rigward ta' dak appena ċitat b'dan illi għandu jingħad ukoll li l-valur kien aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) u skont Artikolu 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta: *"jekk il-valur tal-ħaġa misruqa jkun iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin".* [emfażi miżjuda]

Illi meħud in konsiderazzjoni dan kollu, it-tielet aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi r-raba' aggravju tal-appellant huwa li hu ma ngħatax smigħ xieraq għaliex ma ngħatax l-opportunita' li jressaq id-difiża tiegħu. Jgħid li dan imur kontra Artikolu 39(6) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Jargumenta li l-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fis-seduta tal-1 ta' Diċembru 2014 filwaqt illi saru tliet seduti għall-provi tad-difiża iżda r-rappreżentanti rispettivi tiegħu ma dehrux. Jgħid li hu kien detenut fit-Taqsima Forensika tal-iSptar Monte Carmeli u għalhekk id-dritt tiegħu li jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu u li jfakkru dwar is-seduta kien ristrett. Jgħid li mbagħad l-Ewwel Qorti ddikjarat il-provi tiegħu bħala magħluqa fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2015 u għalhekk ma kellux l-opportunita' li jagħmel il-kontro-eżami tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni u li jippreżenta x-xhieda tiegħu.

Illi fir-rigward ta' dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li s-sentenza appellata ngħatat fl-4 ta' Diċembru 2015 u d-difiża ngħatat iċ-ċans li tippreżenta Nota ta' Sottomissjonijiet kif filfatt għamlet. Jirriżulta wkoll is-segwenti:

- wara li l-avukat tal-appellant ma deherx fl-1 ta' Diċembru 2014 (*a fol.* 202), l-Ewwel Qorti ddifferiet il-kawża għall-provi tad-difiża;

- fis-seduta ta' wara ċioè dik tat-2 ta' Frar 2015 (*a fol.* 205), l-Ewwel Qorti nnominat avukat tal-għajnuna legali sabiex jassisti lill-appellant u reġgħet iddifferiet il-kawża għall-provi tad-difiża;

- l-avukat tal-għajnuna legali naqas li jidher għas-seduta tas-16 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 207) u għal dik ta' wara *ossia* dik tas-27 ta' April 2015 (*a fol.* 215) l-appellant informa lill-Ewwel Qorti li kien inkariga lil ħaddieħor bħala avukat iżda lanqas dan ma deher;

- fis-seduta tat-8 ta' Ġunju 2015 (*a fol.* 216) lanqas avukat ieħor li kien inkariga l-appellant ma deher u f'din is-seduta l-Ewwel Qorti wissiet li l-kawża kienet qed tiġi differita *"għall-aħħar darba"* għat-8 ta' Lulju 2015 għall-provi tad-difiża;

- l-istess avukat ma deherx fit-8 ta' Lulju 2015 (*a fol.* 217) u l-Ewwel Qorti ddifferiet *"għall-aħħar darba"* għat-3 ta' Settembru 2015 għall-provi tad-difiża;

- fit-3 ta' Settembru 2015 (*a fol.* 218) l-appellant qal li ma kienx għadu ppatroċinat mill-avukat li kellu l-aħħar darba u l-Ewwel Qorti ddifferiet għat-12 ta' Ottubru 2015 *"bl-intendiment ċar li dakinhar l-imputat irid iressaq kwalunkwe prova li għandu u ssir it-trattazzjoni b'mod li dakinhar il-kawża tiġi differita għas-sentenza"*;

- fit-12 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 220) deher l-imputat assistit u l-Ewwel Qorti caħdet talba għal differiment mitlub mid-difiża u dana wara li l-Qorti msemmija rat il-verbali tal-aħħar erba' seduti;

- fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 220) l-Ewwel Qorti tat ċans lill-partijiet sabiex jippreżentaw Nota ta' Sottomissjonijiet;

- l-appellant ippreżenta n-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu fis-17 ta' Novembru 2015 (*a fol.* 221 *et seq.*) qabel ma ngħatat is-sentenza fl-4 ta' Diċembru 2015.

Illi mill-iter tal-kawża kif msemmi hawn fuq jirriżulta li l-Ewwel Qorti tat żmien biżżejjed lill-appellant tant li ddifferiet il-kawża għal aktar minn darba sabiex hu jressaq il-provi tiegħu nkluż xhieda tiegħu u sabiex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu b'dan illi l-imsemmija Qorti ddifferiet il-kawża aktar minn darba *"għall-aħħar darba"*. L-appellant biddel l-avukati tiegħu diversi drabi. Kif diġà ngħad, l-Ewwel Qorti appuntat avukat tal-għajnuna legali għall-appellant imma dan ġie mibdul ukoll fuq għażla tal-appellant stess. Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti qed tiċħad ir-raba' aggravju tal-appellant.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Mark Zahra u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**